**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2024**

**Rikors Guramentat ; 270/2023 AGV ;**

**NP**

**Vs**

**Dr Martina Felice U PL Peter Sammut**

**Bhala Kuraturi Deputati sabiex**

**Jirrapprezentaw li JA**

**IL-QORTI:**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' NP , datat l-erbgha u ghoxrin ta' Novembru 2023;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:

1. Illi l-esponenti kienet f`relazzjoni mal-intimat , mill-liema relazzjoni twieldu zewgt itfal, HE A u KA , li twieldu fit-tlieta ta' Mejju 2013 u fil-erba` ta Lulju 2014 rispettivament hekk kif jidher mic-certifikati tat-twelid annessi ma` dan ir-rikors u mmarkati bhala Dok. A rispettivament;

2. Illi sussegwentament ir-relazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat sfaxxat u ghalhekk il-partijiet jirrikorrew ghall-procedura ta' medjazzjoni permezz tal-ittra numru 444/21 sabiex jinstab ftehim bejnithom fir-rigward tal-kura , kustodja u accessi tat-tfal minuri;

3. Illi permezz tad-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-erbatax ta' Frar 2022, il-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu bil-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' kura u kustodja skont il-qbil bejn il-partijiet, liema kuntratt gie ppublikat minn Nutar Dottor Sarah Bugeja fit-Tmienja u ghoxrin ta' April 2022, kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B;

4. Illi l-intimat m`ghandux indirizz fiss f`Malta tant li l-karta tal-identita' tieghu ghadha ssemmi l-indirizz tal-fond li fiih ghadha tghix l-esponenti ma' uliedha. Huwa irrifjuta f`kull okkazjoni illi jipprovdi d-dettaliji tal-lok ta' residenza tieghu lill-esponenti;

5. Illi l-intimat ghamel zmien ukoll jghix u jahdem fir-Renju Unit u li l-esponti hija sporvista mill-informazzjoni dawr f`liema pajjiz qed jghix b`mod fiss il-konvenut. Ghalhekk, kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, l-esponenti ntavolat rikors ghal hatra ta' kuraturi sabiex jipprezentawh fl-assenza tieghu;

6. Ilii fid-dawl tal-fatti suespost u l-assenza tal-konvenut minn hajjet il-minuri l-esponenti thoss li jkun ghaqli u fl-interess tal-istess minuri illi l-kura u l-kustodja u l-cioe setgha tal-genitur illi giet fdata f`idejn il-partijiet bis-sahha u tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, tigi ormai fdata f`idejha esklussivament u jkollha l-patria potesta wahidha tal-istess minuri sabiex hi tkun tista tamministra l-hajja ta' uliedha minghajr xkiel u telfien ta' zmien;

7. L-esponenti m`ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn huwa l-post ta' residenza fissa u ordinajrji tal-intimat anke jekk hija kemm il-darba talbietu l-indirizz u ghaldaqstant mhux sigur li l-missier jibqa' jgawdi mid-dritt tal-access skond l-istess kuntratt , dritt li ilu zmien twil ma jezercita. Stante li meta jkun mal-missier, l-omm ma tista' qatt tkun taf fejn jinsabu l-ulied u tenut kont ukoll li sa mill-iffirmar tal-ftehim il-missier kien ghal kollox assenti minn hajjet il-minuri, fl-umli fehma tal-esponenti mhux fl-interess tal-minuri li l-intimat jibqa' jgawdi mid-dritt tal-access;

8. Illi l-esponenti giet awtorizzat sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna bis-sahha tad-digriet datati t-tmintax ta' Ottubru 2023 ,liema digriet huwa hawn anness u mmarkat Dok. C ;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti , prevvia kull provvediment li l-Qorti jidrilha li huma xierqa u opportun fic-cirkostanzi joghgobha:-

Tvarja il-kuntratt hawn fuq imsemmi data it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni A klawsoli 1 u tordna minflok li l-kura u l-kustodja tal-minuri HE A u KA ,tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti;

Tvarja il-kutratt fuq imsemmi data datat it-tmienja u ghoxrin ta 'April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni A klawsoli 2 sabiex ir-rikorrenti wahidha tkun tista tiehu d-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji , relatati mal-ulied minuri wahidha;

Tvarja il-kuntratt fuq imsemmi datat it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni B b`tali mod li l-intimat ma jibqax igawdi mid-dritt tal-access ghall-minuri;

Tvarja il-kutratt fuq imsemmi datat it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni C tal-istess kuntratt sabiex ma tkunx mehtiega l-firma tal-missier ghall-hrug ta' kwalunkwe passaport ghall-minuri, filwaqt li tholl l-obbligu tal-omm li tikkonsenja tali passaport lill-intimat:

**Bl-ispejjez.**

**Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr. Mattia Felice u PL. Peter Sammut bhala kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil JA Il huwa asenti minn Malta**

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonfermaw:*

1. Illi l-esponenti m`huwiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrisevaw id-dritt li jirraprezentaw risposta motivata f`kaz jigu edotti mill-fatti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti trid jipprovaw li ghamlet l-almu taghha sabiex tinnotifika lill-intimat bil-proceduri kollha stipulati fil-ligi;

3. Illi minghajr pregudizjju ghas-suespost ir-rikorrenti ukoll trid tipprovaq illi l-allegat assenti JA. mhux verament prezenti f`Malta u li telaq f`pajjiz iehor b`mod indefinit;

4. Illi intant l-attrici ghhadha tipprovdi kull informazzjoni li jista' jkollha dawr l-assenti JA lill-esponenti sabiex dan ikun jista jigi potenzjalment rintraccat;

5. Illi l-attrici trid iggib l-aqwa prova tal-fatti kollha minnha allegati u li dak minnha mitlub hawn verament fl-aqwa interess tal-minuri;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi minn relazzjoni li kellha l-attrici mal-konvenut JA , kienu twieldu zewgt itfal, HE A u KA , li t-tnejn ghadhom minorenni. Fl-14 ta' Frar 2022 il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt bejniethom biex jirregolaw il-kura w kustodja tat'tfal, l-access u l-manteniment. Gara, izda, li l-attrici tilfet kull kuntatt minn mal-konvenut, u ghalhekk qed tirriskontra diversi diffikultajiet meta tigi biex tapplika ghall-bzonnijiet tal-minuri, peress illi m'ghandhiex il-kunsens bil-miktub tal-missier. Il-konvenut ghamel zmien jahdem u jghix barra minn Malta, u issa l-attrici ma tafx fejn qieghed jirresjedi. Ghalhekk kellha tistitwixxi dawn il-proceduri kontra kuraturi deputati, sabiex tirregolarizza l-posizzjoni tat-tfal ghall-iskola u ghal affarjiet ta' sahha u ta' safar, fost talbiet ohra.

Bhala provi, l-attrici ressqet affidavit taghha stess, flimkien ma' affidavits ta' A D , MP , u VP . In sintesi, hemm konferma tal-abbandun totali tal-konvenut fit-trobbija tal-minuri. Ftit wara li kien gie ffirmat il-kuntratt ta' kura w kustodja u access, il-konvenut qata' kull kuntatt mal-attrici u, aghar minn hekk, ma' uliedu t-tnejn. Dan hu kkonfermat kemm minn AD is-sieheb presenti tal-attrici, kif ukoll mill-genituri taghha M u V konjugi P .

Il-konvenut ma ressaq ebda provi f'dawn il-proceduri, peress illi l-kuraturi ma setghux jaghmlu kuntatt mieghu, stante li l-indirizz tieghu baqa' mhux maghruf. Il-Qorti, ghalhekk, m'ghandha ebda diffikulta' biex tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici, inkluz li tirrevoka l-access tal-konvenut maz-zewg minuri. Hija tassew hasra li genitur jabbanduna lil uliedu minghajr ebda kuntatt ta' xejn.

Ghalhekk it-talbiet attrici ser jintlaqghu kollha kif dedotti.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

Tvarja il-kuntratt hawn fuq imsemmi data it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni A klawsoli 1 u tordna minflok li l-kura u l-kustodja tal-minuri HE A u KA ,tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti;

Tvarja il-kutratt fuq imsemmi data datat it-tmienja u ghoxrin ta 'April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni A klawsoli 2 sabiex ir-rikorrenti wahidha tkun tista tiehu d-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji, relatati mal-ulied minuri wahidha;

Tvarja il-kuntratt fuq imsemmi datat it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni B b`tali mod li l-intimat ma jibqax igawdi mid-dritt tal-access ghall-minuri;

Tvarja il-kutratt fuq imsemmi datat it-tmienja u ghoxrin ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Sarah Bugeja ossia is-Sezzjoni C tal-istess kuntratt sabiex ma tkunx mehtiega l-firma tal-missier ghall-hrug ta' kwalunkwe passaport ghall-minuri, filwaqt li tholl l-obbligu tal-omm li tikkonsenja tali passaport lill-intimat:

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, u jsiru rekuperabbli interament mill-konvenut, hekk kif u meta tigi determinata r-residenza tieghu.

**Antonio Giovanni Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**